28th March 2023

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
29 MAR 2023
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**

**tal-Ambjent u l-Ippjanar**

**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/2208/21* |
| *Lokazzjoni:* | High Stage, GG1, Triq Victor Denaro, Msida |
| *Proposta:* | Sanctioning of w.c in garage including internal alterations. |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Maria Attard**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2021, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 2208/21.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) il-permess gie approvat bil-kundizzjoni li tithallas multa pendenti.

III) Illi minhabba diffikolta li kien hemm u minhabba il-fatt illi l-applikanta kienet qeghdha tikkontesta il-multa inkluz tramite petizzjoni. Stante illi tali hlas ma sarx fit-terminu moghti il-Kummissjoni irrifjutat il-permess (dismissed) u d-decizjoni giet ippublikata fl- 1 ta' Marzu 2023.

Bid-dovut rispett, l-appellanti jhossuhom aggravati minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottomettu dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti tissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi din il-multa ma setghatx tithallas fit-terminu utili moghti lill-Appellant ghaliex kieku sar hekk l-Appellant kienet titlef id-drittijiet taghha ta; kontestazzjoni.

1.2 Illi il-process ta' kontestazzjoni tal- multa huwa kollu ibbazat fuq il-fatt illi il-permess de quo gie approvat u allura l-illegalita giet sanata.

1.3 Illi ghaldaqstant ikun opportun illi l-permess kif originarjament approvat jigi salvat u d-dismissal tigi revokata.

Ghaldaqstant, l-appellant qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta' dismissal mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellanti u jordna li jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**

Xhieda:

L-appellant, konsulenti, enetitajiet governattivi u regolatorji u terzi persuni sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**